MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) GHAWDEX

## MAGISTRAT DR. MICALLEF TRIGONA ANTONIO LL.D., MAG., JURIS (EU LAW)

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 125/1997/1

Avviz numru  125/1997

Sharon mart Rodrick Mizzi u l-istess zewgha Rodrick Mizzi ghal kwalunkwe interess li jista' jkollu

vs

Carmel sive Charles Schembri in rappresentanza tas-socjeta' kummercjali Schembri & Aloisio Company Limited proprjetarja tal-azjenda kummercjali Snowhite Laundry & Dry Cleaning

George Vassallo u Romina mart Christopher sive Chris Thorton u l-istess zewgha Chris Thorton ghal kwalunkwe interess li jista' jkollu

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi li permezz tieghu talbu li l-konvenuti jigu kkundannati in solidum jew min minnhom, prevja dikjarazzjoni ta' responsabbilita, ihallsu lill-attrici d-danni kollha li jigu likwidati minn din il-Qorti minhabba hsara u tgharriq tal-libsa tat-tieg proprjeta tal-attrici li hija kienet ikkonsenjatilhom sabiex isirilha process ta' dry cleaning billi l-istess libsa l-attrici riedet tislifha lil ohta Denise Mintoff ghat-tieg taghha u liema libsa meta l-attrici marret biex tigborha lura mill-hanut "Occasions" gestit mill-konvenuti George Vassallo u Romina Thorton, indunat li l-libsa kienet f'diversi partijiet taghha mtebba' u mgharrqa bi tbajja u dbabar kbar li qabel ma kienux jezistu fl-imsemmija libsa tat-tieg. Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra interpellatorja tad-19 ta' Settembru 1997 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minni ssa huma mharrkin.

Ghall-finijiet ta' kompetenza jigi dikjarat illi l-ammont tad-danni pretisi ma jaccedix it-tmien mija u hamsinlira Maltin (Lm850).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti George Vassallo, Romina Thorton u Chris Thorton li eccpew:

1. li l-eccipjenti qeghdin jikkontestaw ir-responsabbilita ghad-danni addebitati lilhom mill-atturi ;

2. li l-eccipjenti qeghdin ukoll jikkontestaw il-quantum tad-danni pretizi mill-atturi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmel sive Charles Schembri in rapprezentanza tas-socjeta kummercjali "Schembri & Aloisio Company Limited", proprjetarja tal-azjenda kummercjali "Snowhite Laundry and Dry Cleaning", li eccipiet:

1. li t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt fil-konfront tas-socjeta' eccipjenti stante illi t-tbajja u d-dbabar illi minnhom qeghdha tilmenta l-attrici ma gewx kagunati minhabba xi nuqqas da parti ta' l-istess socjeta'.

Ghall-kuntrarju dawn d-dbabar kienu gja ezistenti f'din il-libsa fil-mument li fiha din giet konsenjata lis-socjeta eccipjenti u minkejja li din ghamlet l-isforzi kollha taghha, skond l-arti u s-sengha, sabiex tnaddaf din il-libsa din irrizultat imtebba b'tali mod illi ma setghetx titnaddaf.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Ezaminat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha inkluzi n-noti tal-osservazzjonijiet li gew prezentati.

Ikkunsidrat:

L-atturi qeghdin jirreklamaw risarciment ghall-hsara f'libsa tat-tieg, konsistenti fi tbajja, liema hsara jsostnu giet ikkawzata meta ntbghatet 'dry cleaning' ghand il-konvenuti. Jghidu l-atturi li l-libsa kienet intiza sabiex terga tintlibes minn oht l-attrici li kienet ser tizzewweg. Zdied inghad li stante li l-libsa giet lura mit-trattament ta' 'dry cleaning' 'imtebba' ohta ma setghetx tuzaha u kellha taghmel libsa ohra li swiet Lm500. Bejn materjal u xoghol sabiex giet mehjuta l-libsa meritu dina l-kawza l-atturi allegaw li swiet circa Lm700.

Illi l-atturi harku kemm lill-persuni li ghandhom kienu kkonsenjaw il-libsa sabiex isirilha t-trattament u kemm is-socjeta li effettivament esegwit it-trattament. Ma jidhirx li fuq daqshekk hemm kontestazzjoni billi jidher accettat mill-atturi li l-inkarigu tal-konvenuti Vassallo u Thorton kien li jiehdu konsenja tal-libsa in veste ta' agenti tas-socjeta' l-ohra konvenuta.

Illi ammess li din kienet il-kapacita li fiha agixxew l-ewwel konvenuti ma jistghux jinstabu responsabbli ghall-allegata hsara ghaliex, kif ben tajjeb sottomess fin-nota tal-osservazzjoni taghhom, huma hlief esegwew l-mandat taghhom fil-limiti tieghu ma ghamlux. Bhala mandatarji huma ma jwiegbux ghall-ebda garanzija gja la darba l-mandant kien ben konxju dwar il-kapacita li kienu qed jagixxu fiha.  Ir-responsabbilita taghhom fil-ligi, qua agenti,

ossija mandatarji, tista' tiskaturixxi biss minhabba gehmil doluz jew negligenti fl-esekuzzjoni tal-mandat. Imkien mill-provi ma rrizulta tali ghemil.  Fil-fatt lanqas il-minimu accenn ma sar fuq dan mill-atturi.

Ghalhekk r-ricerka tar-responsabbilita ghall-allegata hsara ghandha tigi indirizzata lejn il-konvenut l-iehor li mhux kontestat esegwixxa t-trattament tal-libsa.

Illi din il-Qorti qeghdha mill-bidu teskludi li dawn il-konvenuti fl-esekuzzjoni tax-xoghol agixxew b'mod doluz. Lanqas mhu qieghed id-dolo jigi lilhom imputat mill-atturi. Omm l-attrici stqarret li l-libsa in kwistjoni gja kienet giet trattata mis-Sorjiet Agostinjani wara li kienet intuzat mill-attrici fl-okkazjoni tat-tieg taghha. Kienet omm l-attrici stess li wara li s-sorijiet kienu nadfuha qattetha b'lizar abjad u poggietha fil-gwardarobba. Kien gie mehtieg li tigi trattata de novo minhabba xi tbajja irqaq li kienu zviluppaw. Ix-xhud iddeskrivithom "qishom tbajja ta' moffa" u ziedet tghid "li t-tbajja kienu x'aktarx ikkawzati minhabba l-gheluq".

Issa fil-fehma ta' din il-Qorti jekk tissusistix responsabbilita da parti ta' din is-socjeta' jiddependi biss u esklusivament dwar jekk l-hsara gratx bi htija taghha.  L-Artikolu 1032 tal-Kodici Civili jiddisponi li jkun fi htija "kull min fl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja".   Jigifieri l-ligi addottat il-kriterju tal-bonus pater familias ossija l-prudenza, diligenza u hsieb li wiehed juza fl-affarjiet tieghu. Fil-kaz in specie s-socjeta'  konvenuta irceviet libsa b'xi tbajja irqaq li zviluppaw fi tbajja ohra akbar u izjed sostanzjali wara li nghatalha it-trattament.  M'hemmx dubbju li s-socjeta' hi attrezzata b'makkinarju appositu biex taghmel dan ix-xoghol u ghalhekk mhiex kwistjoni ta' nuqqas ta' hila. Rappresentanti tas-socjeta xehdu li l-libsa nghatat trattament permezz ta' magna apposita u attribwew il-hsara ghal difett inerenti fid-drapp. Il-persuna responsabbli ghall-esekuzzjoni tax-xoghol eskluda illi setghu gew ikkagunati tbajja godda permezz tat-trattament u stqarret li t-trattament semmai jgib fid-dawl tbajja li jkunu ma jidhrux. Intqal wkoll li mhux prevedibbli

fic-cert jekk it-tbajja jkunux jistghu jigu eliminati kompletament.

Illi fid-dawl ta' dawn il-fatti din il-Qorti hi sodisfatta li l-konvenuti ghamlu dak li kien rikjest minnhom skond l-arti u s-sengha fl-esekuzzjoni ta' dan x-xoghol u minn imkien ma setghet tiddentifika xi nuqqas ta' prudenza, diligenza jew hsieb da parti taghhom. Huwa fatt li l-libsa gja kienet trabbiet xi tbajja izda x'kienet il-kawza baqa' mistur u l-ebda prova f'dan ir-rigward ma ngabet mill-atturi. Jekk kinitx mankanza mis-socjeta konvenuta li ma avzatx lill-atturi dwar li x-xoghol seta ma' jirnexxix fit-tnehhija tat-tbajja ma jfissirx b'daqstant li din il-Qorti tista' ssib lis-socjeta' responsabbli ta' xi htija taht il-Kodici Civili. Mhux eskluz li tali responsabbilita tista' tissusisti a bazi tal-ligi dwar il-konsumatur li pero' ma tidholx fil-kompetenza ta' din il-Qorti.

Ghaldaqstant qeghdha l-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talbiet tal-atturi bl-ispejjez tal-kawza kontra taghhom.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat.

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur